# Eku

*Sandra Vassallo*

Quddiem fjamma titriegħed fil-lampa,
Jiena qiegħda niċċassa fix-xej',
Dawl safrani rifless ta' l-imgħoddi,
Ħsibijieti jinġabru bil-lej'.

Il-ftit dawl illi ħiereġ jitliegħeb
Kollox jidher midfun f'dellijiet,
U fis-satra tad-dalma fiddiena
Geġwiġija jitqanqlu x-xewqiet.

Għaliex qabel ma l-għajnejn jingħalqu
Malli l-kesħa tinfirex ftit ftit,
F'dik il-ħemda sewdiena li ssaltan
Ħsibijieti jittajru fis fik...

Għaliex kollox qed jidher bħal f'ħolma
Forsi l-eku qadim isaħħarni
It-tgedwid ta' kuruna rużarju
Fin-nanniet u fl-imgħoddi jfakkarni.

Forsi għax f'dawk is-snin, Poeżija,
Int kont timraħ bil-ħlejju kuljum
U tixxettel f'qasrija fis-setaħ
Donnok għanja li tidwi u ddum.

Iżda r-ritmu ta' trajbu bizzilla
Bħal qtar jaqa' ġo ġarra fuħħâr,
Għadhom jidhru... sa tibqa' l-imħabba
Tfakkar f'għada w fiż-żmien li ġà tar.